

# PROGRAMM TAL-BANDA FI ZMIEN IL-GWERRA

(1939-1945)

Kitba ta' Angelo Dougall

Dan l-aħħar, waqt li kont qiegħed inqalleb xi paġni tal-ġurnal **"Leħen is-Seuua"** għal xi riċerki dwar l-istorja, fil-ħarġa tat-**22 ta' Diċembru, 1939,** iltqajt ma' avviż ta' Programm Mużikali li kien sar fl-ewwel xhur tal-aħħar gwerra dinjija, **mill-Banda Filarmonika "Queen's Own" ta' l-Isla.** Il-gwerra kienet ilha biss erba' xhur li bdiet, u l-programm kien dan li jidher taħt.

**PROGRAMM MUSICALI**
**mill Banda "Queen's Own"**

Ghada, 23 ta Dicembru, 1939, il Banda Filar. "Queen's Own" ta l'Isla sejra tesegguixxi dan il programm musicali fi Strada Vittoria, l'Isla, mill 5.30 p.m. il kuddiem, taht id-direzioni tas-surmast Ant. Muscat Azzopardi, A.Mus., L.C.M.:—

Innu tal Papa"
Marcia "Omaggio a Gio. Batta. Cesare", Muscat Azzopardi
Sinfonia "Le Prex Aux Cleres" Herold
Xena u Duett "Rigoletto" Verdi
Fantasia "Boheme" Puccini
Marcia Sinfonica Meyerbeer
Marseilles.
God Save the King.

Dan l-avviż fakkarni f'li kien ġara ġo l-Isla dak inhar fi tfuliti f'lejlet il-Milied tal-1939. Niftakar li kif ħriġt mill-Knisja tal-Vitorja, smajt il-Banda ddoqq. Mort nittawwal mill-bidu tan-niżla ta' Strada Vittoria lejn in-naħa tal-Madonna tan-Nofs, fejn rajt ġemgħa nies madwar il-planċier li fuqu l-Banda kienet qiegħda

ddoqq u tagħmel programm; qbadt in-niżla u mort sa ħdejn il-planċier. Dik il-ħabta kont bdejt ninteressa ruħi f'dak li kien qed jiġri u bl-attività li kienet issir; xi jumejn qabel kienet ġriet ix-xniegħa li se jsir programm mill-Banda.

Kien programm għall-okkażżjoni ta' lejlet il-Milied, jum kwiet tal-Ħadd, ħalli jferraħ lill-poplu f'dawk il-jiem ta' swied il-qalb li ġġib magħha l-gwerra. Kien ukoll l-aħħar **programm tal-Banda Sengleana għal din l-okkażżjoni, qabel niżlet fuqna l-burraxka l-kbira li kien hemm merfuħa għalina,** għax il-Milied tas-sena ta' wara, fl-Isla kellu jkun Milied ta' bixra tassew differenti.

Il-planċier il-baxx kien armat biswit il-Każin tal-Banda, (li kien fejn hu llum), f'nofs **Triq Irjala** kif ġie li konna nsejħulha dak iż-żmien Triq il-Vitorja. Il-kolonna għolja bl-istatwa tal-Madonna tan-Nofs kienet għadha wieqfa f'nofs **Strada Vittoria** u bi dritt **Strada San Giuliano;** it-toroq kienu għadhom magħrufin u mniżżlin fil-kantunieri bit-taljan, u kienu għadhom ma qalbuhomx għall-Ingliż u għall-Malti. It-temp kien imgħajjeb u rieżaħ, u l-ajru kien griż, imma kien hemm miġbura ġemgħa ta' nies madwar il-planċier jisimgħu l-programm, xi nies oħrajn kienu mal-ħajt tal-każin in-naħa l-oħra tat-triq, imgeddsin minħabba l-kesħa li kienet qiegħda tagħmel. **Donnhom li ftit kellhom fuqhom entużjażmu** għall- mużika f'dak iż-żmien; jew li kellhom ħaj... lejn xi attività minħabba t-tensjoni tal-gwerra fuq kulħadd, l-aktar dawk li kellhom xi nies jew qraba fuq il-baħar, fejn kien qiegħed isir l-eħrex taqbid tal-gwerra. Erba' xhur biss kienu għaddew minn mindu bdiet il-gwerra kontra l-Ġermanja, u Malta wkoll, bħall-bqija tal-Imperu Brittaniku, li kienet parti minnu, konna ninsabu fi gwerra kontra għadu qalil u aħrax. **Imma l-gwerra kienet għadha mbiegħda minn xtutna bil-qilla u l-furja kollha tagħha li kellna nsofru wara.** Dik il-ħabta l-gwerra kienet qiegħda ssir fuq il-fronti ta' Franza, u fuq l-ibħra.

Il-moral kien għoli **minħabba r-rebħiet li kienet qiegħda tagħmel il-qawwa navali Ngliża.** Dik il-ħabta l-gwerra kienet ta' kultant tissejjaħ 'phoney war' (gwerra taparsi); imma xorta waħda kienet qiegħda tinħass weġgħa fost il-poplu minħabba li xi familji Sengleani kienu bil-viżtu għal xi baħrin, li wħud minnhom kienu għerqu fuq ir-**" Royal Oak ". Kienu mietu baħrin maltin, fuq frejgati tar-Royal Navy fosthom għadd ġmielu ta' wlied l-Isla.** Kienet għadha kif saret il-Battalja tax-Xmara Plata, qrib l-Arġentina, fejn in-Navy Ngliża, wara li kienet tat xebgħa lill-Pocket Battleship Ġermaniż "Graf Spee", dan ġie mgħarraq mill-baħrin tiegħu stess. **Fost il-vittmi tal-"Graf Spee" kien hemm vapur Ingliż l-Ashlea, li fuqu kien hemm K. Mangion, mastrudaxxa baħri mill- Isla,** li wara li salva mill-għarqa, waqa' priġunier tal-gwerra, u ttieħed lejn il-Ġermanja. **Kien hemm ħafna baħrin mill-Isla jservu fir-Royal Navy, u jbaħħru fuq vapuri oħra, u għalhekk ġo beltna kien hawn tħassib u biża' dwar il-ħajja ta' dawn in-nies. Fit-Tarzna, li minn dejjem ipprovdiet il-ħobża ta' kuljum għal ħafna familji Sengleani, l-attività fiha kienet kulma tmur tiżdied, u beda wkoll ix-xogħol ta' bil-lejl,** għalkemm ftit xhur qabel l-Ammiraljat kien ġarr il-**"Head Quarters"** tal-flotta minn Malta u ħadha f'Lixandra, fejn kienu marru ħafna ħaddiema, fosthom Sengleani, sabiex jaħdmu fit-tarzna ta' dik il-belt fl-Eġittu.

Kif naraw mill-avviż, qabel spiċċa l-programm tal-Banda, bħas-soltu bil-**"God**

**Save the King"**, indaqq qablu l-Innu Nazzjonali Franċiż **"La Marseilles"**, bil-briju kollu rivoluzzjonarju u republikan, u ingħata wkoll ċapċip mill-folla miġbura. U jien, b'kurżità ta' tifel li kont, staqsejt lil wieħed raġel ħdejja, 'il għaliex kien indaqq dak l-innu, u dak ir-raġel pront pront weġibni li l-Innu Franċiż indaqq minħabba li Franza kienet pajjiż alleat tagħna fil-gwerra, u għalhekk b'rispett lejn dak il-pajjiż indaqq l-Innu tagħhom ma' tagħna. Dak iż-żmien konna kultant naraw xi biċċa tal-gwerra tal-Marina Franċiża dieħla ġol-port tagħna u għalekk kien tassew xieraq u f'waqtu li dik il-lejla ndaqq l-Innu Franċiż **mill-Banda Sengleana "Queen's Own"**, li kienet taħt id-direzzjoni tas-**Surmast Anton Muscat Azzopardi.** Malli spiċċa l-programm, ħafna min-nies bewġu bil-kwiet il-kwiet lejn id-dar, u f'qasir żmien ukoll inħatt il-planċier. Qabel tlaqt lejn id-dar, n iftakar li kont ittawwalt ftit mil-bieb tal-Każin ħalli forsi nilmaħ hemm lil nannuwi Kola, li kultant kien ikun fis-sala tal-intrata; kienet tkun mimlija soċji, jilagħbu l-karti, qalb foga taqsam ta' duħħan ta' tipjip.

## L-Isla fl-ewwel xhur tal-Gwerra

Bdiet taħkem bil-mod il-mod fil-pajjiż kollu l-atmosfera tal-gwerra. Il-**"curfew" beda jiġi nfurzat u beda jseħħ fis-6 ta' Ottubru ta' dik is-sena;** kien bejn l-10.00 ta' bil-lejl u l-4.30 a.m. skond Regolament Nru: 68/1939. Ħadd ma kien jista' joħroġ barra minn daru bejn dawk il-ħinijiet, jekk ma' jkunx fis-Servizz jew fil-Pulizija, jew b'xi uniformi. Din kienet ordinanza tas-27 ta' Settembru 1939, iffirmata mil-Logutenent Gvernatur J.A. Hunter. Il-"blackout", bejn il-jiem tal-24 u l-25 ta' Diċembru tal-1939, b'ordni speċjali għal dakinhar minħabba l-festa tal-Milied, kien jibda fis-1.30a.m., u jibqa' sa tlugħ ix-xemx. Inżul ix-xemx kien fl-4.50p.m. u tlugħ ix-xemx kien f'xi 6.50a.m. L-għada tal-programm tal-banda li fuqu qegħdin nitkellmu, nzerta l-Milied, **għalhekk l-awtoritajiet kienu b'ordni speċjali taffew ftit mill-ħinijiet tal-"blackout" għall-pubbliku.** Waqt il-"blackout" ma' kenux jinxtegħlu dwal fit-toroq, waqt li fid-djar baqa' strett ħafna u ma' kienx permess li jidhru dwal bejn il-ħinijiet ordnati bl-ordinanzi maħruġin mill-Gvern. Dan kien infurzat mill-militar bir-reqqa u l-qawwa kollha. It-twieqi jinżammu magħluqa u ssiġillati sabiex minnhom ma' jkunx jidher dawl.

**Fl-Isla bdew isiru tħejjijiet sabiex jinfetħu għall-pubbliku xeltrijiet fil-blat u kennijiet taħt l-art fejn kienu diġà jeżistu.** Kienu wkoll bdew jitħaffru kennijiet bil-bokok fit-toroq għal li jista' jinqala'. U tassew dan kien seħħ, meta sitt xhur wara, fl-**10 ta' Ġunju tal-1940,** l-Italja daħlet fil-gwerra kontrina u bdew il-bumbardamenti fuqna bl-ajruplani tagħhom: **Fit-22 ta' l-istess xahar, Franza ċediet.** Ħafna familji ngliżi kienu diġa telqu lura lejn pajjiżhom, għax bdew iħossu li Malta ma baqgħetx daqstant żgura f'pożizzjoni bħala fortizza qrib daqsekk tal-Italja. Fl-Isla kienu joqogħdu ħafna familji ngliżi.

Bdew jitqegħdu wkoll fl-Isla, **f'postijiet strateġiċi, kanuni ta' kontra l-ajruplani.** Kanun Bofors ittella' fuq is-Sur ta' San Mikiel, taħt l-arloġġ tat-Tarzna, kanun Bofors ieħor tqiegħed fuq is-sur tal-Maċina; kanun Bofors ieħor tqiegħed fuq is-sur imsejjaħ "il-ġdid", qrib il-Ponta u jħares lejn Kordin, u kanun Pom-Pom ta' erba' kanen intrama' fil-ġnien tal-Gardjola tal-Ponta, u kien iħares lejn il-bokka tal-port. Inħattet ukoll il-Gardjola storika biex ma' ttellifx il-mira tal-kanun. Fuq dawn

il-kanuni kien hemm stakkamenti ta' suldati voluntieri tad-Dockyard Defence Battery, li kienu ħaddiema tat-Tarzna.

**Bdew restrizzjonijiet fuq oġġetti tal-ikel u beda jsir kontroll kemm fuqhom kif ukoll fuq il-prezzijiet tagħhom.** Ħarġu ordnijiet mill-Gvern fuq kontroll tal-importazzjoni u esportazzjoni, permezz tal-**"Emergency Powers Act," tat-2 ta' Ottubru, 1939;** u kien hemm ukoll xi sidien ta' ħwienet ġo l-Isla li weħlu multi fuq abbużi ta' prezzijiet. Sa' tmiem Settembru li għadda kienu diġà twaqqfu, u ġew organizzati l-**"Passive Defence Reserve"**, u bdew jingħataw lezzjonijiet ta' l-ewwel għajnuna, (First Aid) f'każ ta' korrimenti bil-gwerra.

## Il-"Curfew" u l-Programm tal-Banda

Kif nistgħu nosservaw li għalkemm il-"curfew" kien jibda' fl-10.00 p.m. il-programm tal-banda li sar lejlet il-Milied kien spiċċa mill-aktar fis. **Niftakar li kien sar ħafna tgergir min-nies** għax billi l-programm kien għall-okkazzjoni tal-Milied, **kien spiċċa wisq qabel beda' l-"curfew"!** It-tgergir ma' kienx sar fl-Isla biss u permezz ta' ċirkolari, il-Gvern spjega li kulma kien sar, kien għall-ġid u għall-ħarsien tal-pubbliku. Infatti wara l-Milied, b'ordni tas-**26 ta' Diċembru,** il-Gvern ordna sabiex banda ta' belt jew raħal tispiċċa l-programm tagħha fil-pubbliku qabel il-5.00 p.m. Dik il-ħabta l-"curfew" kien jibda' fl-10.00p.m. waqt li l-"blackout" kien jibda' jseħħ f'nofs-il-lejl.

## La Marseilles u Franza Ħielsa

B'rabta ma' dan il-programm u d-daqq tal-Innu Franċiż **"La Marseilles"** mill-Banda Sengleana "Queen's Own" ftit xhur wara kien ġara inċident importanti għall-istorja, u dan seħħ fit-Tarzna stess, sewwa sew wara l-Isla. **Fis-26 ta' Ġunju tal-1940,** l-ewwel biċċa tal-gwerra ta' "Franza Ħielsa", **is-sottomarin Narval**, taħt il-kmand tal-Kaptan **Francois Drogou**, daħal il Port il-Kbir sabiex ikompli l-gwerra ta' **"Franza Ħielsa".** Sorġa mal-moll is-**"Somerset Wharf", taħt is-sur ta' l-Isla,** li hu meqjus fil-limiti tal-Parroċċa ta' beltna. Is-sottomarin kien l-ewwel biċċa tal-gwerra tal-Qawwa Navali Franċiża li sfida ċ-ċediment ta' Franza; il-Kaptan Drogou kien irrifjuta li joqgħod għall-kundizzjonijiet ta' ċediment tal-gvern tiegħu lill-Ġermaniżi, u hawnhekk, wara l-Isla tella' l-bandiera ta' Franza Ħielsa li baqgħet tiġġieled sar-rebħa.

**Il-Programm tal-Banda "Queen's Own" li kien sar fl-24 ta' Diċembru 1939 kien wieħed minn tal-aħħar li sar minnha qabel il-Każin safa' mġarraf bil-bombi tal-għadu f'April tal-1942,** li fih kien intilef kollox, l-arkivju tal-Każin, strumenti, apparat, u wisq u wisq affarijiet ta' preġju, kemm għall-istorja tal-mużika f'Malta, kif ukoll għall-istorja ta' l-Isla.

**Referenzi:**

**Leħen is Seuua, 1939: Il-Berka, 1939: The Times of Malta, 1939:The Times, 1990: Exhibition: Alliance Francaise de Malte: Mużew tal-Gwerra.**



**Dak li jidher immarkat bi vleġġa huma l-fdalijiet tal-każin wara wieħed mill-attakki tal-għadu**
*(Ritratt bil-kortesija ta' Charles B. Grech)*



Il-faċċata tal-każin kif kienet qabel il-gwerra



Il-faċċata tal-każin kif reġgħet inbniet wara t-tiġrif tal-gwerra